MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum l-20 ta' Mejju, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 523/2019/1 LM

**Relja Mijanovich bil-passaport Serbjan numru 012868069**

***vs.***

**Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u b'digriet tat-22 ta' April, 2019 ġie msejjaħ f'dawn il-proċeduri *ex officio* l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Relja Mijanovich** (detentur ta' passaport Serbjan bin-numru 012868069) li ġie ppreżentat fit-22 ta' April, 2019, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli jiddeċiedi l-appell numru IAB/SP/2677/18 imniedi mir-rikorrent, minn deċiżjoni ta' Identity Malta, minħabba ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent li jingħata smigħ*

*xieraq. Is-sentenza se tingħata nhar it-23 ta' April, 2019, u għalhekk jeħtieġ illi l-mandat jintlaqa' provviżorjament;*

*Illi l-esponenti ser jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat illi wara d-digriet tagħha tat-22 ta' April 2019, ir-rikorrent ippreżenta nota sabiex jimmotiva t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, fejn intqal:

*Illi hu kien ħassu aggravat minn deċiżjoni ta' Identity Malta li kienet irrifjutata applikazzjoni għal work permit. L-aggravju kien u għadu bbażat fuq żbalji lampanti u nuqqas ta' komunikazzjoni bejn entitajiet statali involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu.*

*L-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni QATT ma nstama'. Ir-rikorrent irċieva avviż sabiex jidher quddiem il-Bord fit-28 ta' Marzu 2019 għad-DEĊIŻJONI FINALI tal-appell. Dak in-nhar attenda iżda ma sar xejn. Immedjatament id-difensur sottofirmat kien ipprotesta mas-Segretarju tal-Bord li ma kienx sew li tingħata deċiżjoni mingħajr smigħ tal-appellant li ried jispjega l-iżbalji li saru fl-ipproċessar tal-applikazzjoni. Is-Segretarju impenja ruħu li jinforma lill-Bord b'dan il-protest.*

*Iżda fl-aħħar jiem ir-Rikorrent irċieva avviż ieħor biex jattendi għada 23 ta' April, 2019 fit-0800 għal deċiżjoni finali tal-appell.*

*Dan dejjem mingħajr ma ngħata smigħ.*

*Dawn huma l-fatti li dwarhom sari l-mandat u li kienu u għadhom jirrikjedu lqugħ provviżorju minħabba l-urġenza tal-każ.*

Rat illi l-Bord intimat u l-Avukat Ġenerali ġew innotifikati bir-Rikors fit-23 ta' April 2019.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April 2019, fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-**Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni** u **tal-Avukat Ġenerali** ppreżentata fl-24 ta' April, 2019, fl-atti ta' dan il-Mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-intimat Bord milli "jiddeċiedi l-appell numru IAB/SP2677/18 mniedi mir-rikorrent, minn deċiżjoni ta' Identity Malta, minħabba ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent li jingħata smigħ xieraq. Is-sentenza ser tingħata nhar it-23 ta' April 2019, u għalhekk jeħtieġ illi l-mandat jintlaqa' provviżjorament."*

*L-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

***Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista' jinħareġ mandat ta' inibizzjoni***

*Illi qabel ma jiġu indirizzati l-fatti tal-każ l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:*

*"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat;*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet".*

*Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*

*"huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" [enfasi miżjuda mill-esponenti] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995).*

*L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie r-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

*"Ir-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:*

*I. Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*

*II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET".*
*Illi l-liġi tħares il-'jedd' prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li*

*jkun sempliċi diffikulta, disaġju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrenti jilmenta tkunx waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat ċioe' li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda ntiża sabiex tirkupra danni. Dan għaliex ir-rikorrenti għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa wieħed irrimedjabbli u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor".*

*Illi in oltre, l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min*

*ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma".*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioe' s-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

***Il-fatti***

*Il-fatti saljenti li huma rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern huma s-segwenti:*

*Illi fid-9 ta' Lulju 2018 ir-rikorrent applika għal single permit sabiex jottjeni residenza abbażi ta' xogħol u ċioe sabiex jaħdem ta' Karate coach liema applikazzjoni ġiet miċħuda mid-Direttur taċ-Ċittadinanza u affarijiet tal-Expatriates permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 2018 fejn ġie mfisser illi:*

*"The said application has been refused as following feedback obtained from stakeholders it transpired that the applicant does not possess certified coaching qualifications."*

*Illi r-rikorrent appella d-deċiżjoni quddiem l-esponent Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fid-19 ta' Ottubru 2018 u għamel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub. Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2018 il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni informa lir-rikorrent illi l-appell ġie reġistrat mal-Bord u li huwa kellu ħmistax (15) il-jum żmien sabiex jippreżenta kwalunkwe sottomissjoni u /jew dokumentazzjoni ulterjuri rilevanti għall-appell tiegħu bil-miktub. L-esponent Bord ta d-deċiżjoni tiegħu fid-29 ta' Jannar 2019 u kien ser jgħaddi sabiex jikkomunika d-deċiżjoni lir-rikorrent fit-28 ta' Marzu 2019 imma minkejja dan il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ġiet posposta għat-23 ta' April 2019.*

*Illi r-rikorrent intavola dawn il-proċeduri sabiex iwaqqaf lill-Bord milli jiddeċiedi l-appell tiegħu minħabba allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ossia d-dritt għal smigħ xieraq. Dina l-Onorabbli Qorti talbet lir-rikorrent jagħti spjega tar-raġuni għalfejn il-mandat għandu jintlaqa' provviżorjament. Ir-rikorrent fit-22 ta' April 2019 intavola nota u spjega illi jekk il-Bord jipproċedi billi jagħti sentenza mingħajr ma jkun sema' r-rikorrent, huwa jkun qiegħed allegatament jilledi d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sussegwentement dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tat-22 ta' April 2019*

*laqgħet provviżorjament il-ħruġ tal-mandat u ex officio sejħet lill-Avukat Ġenerali fil-kawża peress li jidher li hemm ilmenti ta' natura kostituzzjonali.*

*Naturalment l-esponent Bord ma kkomunikax is-sentenza (ġia deċiża) fit-23 ta' April 2019 stante illi dina l-Onorabbli Qorti laqgħet provviżorjament il-ħruġ tal-mandat ta' inbizzjoni de quo u għalhekk qiegħed kontestwalment mal-Avukat Ġenerali jintavola din ir-risposta in vista tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' April 2019.*

***Mertu tar-rikors***

*Illi traċċjati l-fatti saljenti, l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati biex jivvessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.*

*Illi meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qegħda ssir kontra l-Gvern jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha biex jirnexxi fit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni r-rikorrent jrid juri wkoll skont l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-ħaġa li huwa qed jitlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq.*

*Proprju f'dan il-każ, it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni magħmula mir-rikorrenti taqa' minnufih għall-finijiet tar-rekwiżit imsemmi fl-ewwel parti tas-subinċiż (3) tal-artikolu 873 għaliex id-deċiżjoni tal-esponent Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mertu ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni ġia ġiet deċiża u ffirmata fid-29 ta' Jannar, 2019;*

*L-esponent Bord jissottometti li l-proċess li r-rikorrenti qed jitlob li jiġi mwaqqaf diġà ġie konkluż qabel ma ġie intavolat il-mandat ta' inibizzjoni mertu ta' din ir-risposta. Dan jista' jiġi ddikjarat mill-esponent Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u li allura hawn si tratta ta' mertu eżawrit u llum ma hemmx utilità li jinħareġ il-mandat ġaladarba l-proċess huwa komplut u d-deċiżjoni diġà ngħatat. F'dan l-istadju m'hemmx aġir li jista' jiġi mwaqqaf ġaladarba l-ordni nħarġet qabel ma ġie ntavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Dan ifisser li wieħed mill-elementi għall-ħruġ tal-mandat qatt ma' jista' jiġi sodisfatt peress li l-persuna kontra min qed jintalab li tiġi miżmuma tista' tikkonferma biss il-fatt li dak li qed jittanta jwaqqaf ir-rikorrenti effettivament diġà sar. Fuq dan il-punt issir referenza għad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et (Rikors numru 1109/13)*** *deċiż fil-31 ta'*

*Lulju, 2013, fejn ġie osservat illi "Għal din il-Qorti huwa ben evidenti illi bid-dikjarazzjoni uffiċjali li saret illum mill-intimat mhuwiex sodisfatt ir-rekwiżit mill-ewwel parti tas-subinċiż (3) tal-Art. 873. U billi l-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi, jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat."*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jisottomettu illi r-rikorrent m'għandux il-jedd prima facie illi ta' bilfors jinstema bil-fomm quddiem l-esponent Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Hija prassi ormai segwita illi m'hemmx il-ħtieġa illi sabiex jigi ssalvagwardjat id-dritt fundamentali għas-smigħ xieraq tiġi ffissata seduta u jittresqu sottomissjonijiet bil-fomm. Huwa biżżejjed illi ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, u din l-opportunità tista' tkun waħda bil-miktub u mhux ta' bilħaqq u ta' bilfors b'mod orali;*

*F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza "**Gourmet Company Limited vs Avukat Ġenerali"**[1] deċiża mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2006 fejn gie osservat illi:*

*"Mhux kull talba li ssir lil xi Qorti trid bilfors tagħti lok għall-trattazzjoni orali, u diment li kull parti tingħata l-istess opportunità biex tressaq il-każ tagħha, ir-regoli ta' smigħ xieraq ikunu sodisfatti. Biex persuna tiġi 'mismugħa', mhux meħtieġ li din tingħata dejjem u f'kull każ id-dritt li titkellem, basta li tingħata l-opportunità li, b'xi mod, tikkomunika l-ħsibijiet tagħha. Meta l-Qorti taqra dak li jkun kiteb parti biex isostni l-punt tiegħu, hu kien qed jingħata smigħ xieraq."*

*Illi di più il-Qorti għad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem (ECHR) fil-kawża **Miller vs Sweden** speċifikament ikkunsidrat illi:*

*"Thus, leave-to-appeal proceedings and proceedings involving only questions of law, as opposed to questions of fact, may comply with the requirements of Article 6 even though the appellant was not given an opportunity of being heard in person by the appeal or cassation court."*

*Illi fir-rigward tad-dritt li persuna tingħata opportunità li ssemma leħinha qabel tingħata deċiżjoni, l-esponenti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza **A & J Ta' Miema Ltd vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**[2] deċiża mill-Onorabbli Prim*

[1] Rikors Numru 58/2005.
[2] Rikors Numru 12/2004.

*Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004 fejn il-Qorti ppreċiżat illi:*

*"ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema' iżda li tingħata l-opportunità tressaq il-każ tagħha."*

*Illi l-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Ġanni Attard vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phytosanitary Regulation**[3] deċiża mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fejn il-Qorti għamlet referenza għal dak li qal Lord Bridge u osservat hekk:*

*"Ikompli jsostni Lord Bridge fil-kawża "Lloyd vs Mc Mahom" tal-1987 citata f'paġna 335 tal-Judicial Handbook Review (1994) –*

*"the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates"*

*..............*

*... ma jistax jingħad li dan il-prinċipju tal-audi alteram partem ġie mittiefes għaliex fl-aħħar mill-aħħar anki mill-ġurisprudenza kkwotata ma twassalx li bilfors irid ikun hemm xi sottomissjonijiet fit-tul u jrid ukoll jittieħed kont taċ-ċirkostanzi tal-każ..."*

*Illi joħroġ ċar illi dak illi huwa essenzjali sabiex id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiġix mittiefes huwa illi ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità sabiex iressqu l-każ tagħhom. Din l-opportunità tista' tingħata permezz tas-sottomissjonijiet bil-miktub. Illi fil-kawża odjerna ġara illi kemm l-appellanta u l-appellat ppreżentaw il-każ tagħhom quddiem l-esponent Bord permezz ta' dokumentazzjoni u sottomissjonijiet. Għaldaqstant ma jistax jingħad illi l-appellanta ma kellhiex iċ-ċans illi tressaq il-każ tagħha. Lanqas jista' jingħad li mill-fatt li l-provi u s-sottomissjonijiet li saru bil-miktub, ir-rikorrent sofra xi żvantaġġ meta kkumparat mal-parti l-oħra fl-appell. Ir-rikorrent u l-appellat ingħataw l-istess opportunità u ġew trattati b'mod ugwali u li għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li ġie miksur id-dritt għal smigħ xieraq.*

[3] Rikors Numru 114/2012.

*L-esponenti jissottomettu li dak li jrid jiġi muri huwa li r-rikorrenti għandu jedd li jistħoqq li jiġi kkawtelat liema jedd irid ikun wieħed oġġettiv u mhux suġġettiv u ċioe' illi l-jedd irid jidher prima facie jew mal-ewwel daqqa t'għajn għall-fini ta' dina l-proċedura eċċezzjonali (ara* ***Grech pro et noe vs Manfre****).*

*Minn analiżi tar-rikors in risposta jirriżulta li ma hemm l-ebda jedd oġġettiv stante illi l-prassi segwita mill-Qrati, tribunal u awtoritajiet ġudikanti hija dik illi l-partijiet jingħataw l-istess opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet u provi, u jkun biżżejjed illi tali opportunità tingħata permezz ta' preżentata ta' dokumentazzjoni bil-miktub u mhux bilfors bil-fomm.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll li mad-daqqa t'għajn jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt oġġettiv x'jivvanta u dan stante li kif ġie muri f'dina r-Risposta l-esponenti dejjem imxew fil-parametri tal-Liġi u bi tħaris tal-istess kif ukoll skont it-tagħlim tal-Ġurisprudenza nostrana kif wkoll dik tal-Qorti Ewropea.*

*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrenti jillamenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod iehor. Dan jimplika li r-rikorrenti għandu jġib prova li l-preġudizzju li ser isofri huwa wieħed li ma jistax jitranġa u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi r-rikorrent m'huwiex ser isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk ma jingħatax opportunità jinstema bil-fomm mill-esponent Bord tal-Appelli dwar l-immigrazzjoni stante illi l-artikolu 25A (8) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi deċiżjonijiet tal-Bord huma appellabli quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fi żmien għaxart ijiem (10). Fl-eventwalità illi l-esponent Bord jaċċetta o meno l-appell tar-rikorrent, il-partijiet għandhom il-fakultà li jappellaw quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex jattakaw id-deċiżjoni tal-esponent Bord u fil-mori ta' appell id-deċiżjoni tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-affarijiet tal-Expatriates tiġi sospiża.*

*Tenut kont illi l-Liġi tipprovdi mekkaniżmu ben stabbilit sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għall-Qrati kif ukoll id-dritt ta' appell minn deċiżjoni ta' Bord Statutorju, l-esponenti jissottomettu bl-akbar rispett illi qatt ma kienet teżisti l-ħtieġa illi utilizzata proċedura straordinarja odjerna u dan stante illi r-rikorrent qatt ma jista' jsofri preġudizzju li ma jistax jiġi semmai rimedjat quddiem il-Qrati superjuri.*

*Illi għalhekk, l-esponenti jissottomettu li l-proċedura odjerna konsistenti fit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija kemm irritwali kif ukoll inidoneja u abbużiva u li għalhekk għandha tiġi skartata.*

*Dwar l-aspett tal-proporzjonalità, meta wieħed jiżen il-preġudizzju jew hardship li jista' jġarrab ir-rikorrenti li kieku kellha tiġi kkomunikata d-deċiżjoni tal-esponent Bord mingħajr ma jinstema' l-istess rikorrent ma' dak li jista' jseħħ li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', il-preġudizzju li ser isofru l-esponenti ħa jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' jġarrab ir-rikorrenti. Dan għaliex huwa manifest li Bord statutorju bħal dak odjern ma jkunx f'pożizzjoni aktar milli jikkomunika deċiżjonijiet fir-rigward ta' appelli magħmula quddiemu għaliex jispiċċa f'pożizzjoni illi jiġi mhedded mill-applikanti stess illi ser jiftħu proċeduri straodinarji (bħal dik odjerna) meta l-appellant ma jkunx sodisfatt bl-andament tal-appell tiegħu. Wisq aktar, il-mekkaniżmu stabbilit bil-Liġi u l-awtoritajijiet li jirregolaw l-immigrazzjoni f'Malta jisfaw f'paraliżi stante illi ma jkunux jistgħu jesegwixxu deċiżonijiet ta' importanza sostanzjali bħal m'huma dawk konċernati mal-immigrazzjoni ġewwa l-pajjiż. Għaldaqstant, f'każ li l-mandat odjern jiġi milqugħ, l-esponenti ser isofru żewġ preġudizzji, ossia paraliżi ta' Bord kważi ġudizzjarju li jiddeċiedi dwar implikazzjonijiet ta' immigrazzjoni ġewwa Malta u paraliżi tal-awtoritajiet li jesegwixxu deċiżjonijiet relatati ma' immigrazzjoni.*

*Illi min-naħa l-oħra, il-preġudizzju li semmai jista' jsofri r-rikorrenti huwa ferm inqas minn dak li ġarab l-esponenti u dan stante li r-rikorrenti dejjem għandu l-fakultà li jintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) ai termini tal-Artikolu 25A (8) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll kawża għad-danni.*

*F'dawn iċ-irkostanzi, għalhekk meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li jista' jsofru l-esponenti ma' dak li jista' jsofri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jġarrbu l-esponenti fl-eventwalità li jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mad-dannu li jista' jsofri r-rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinħariġx.*

*Illi għalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex toħroġ il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta' tali mandat. Illi lanqas fil-mertu, ir-rikorrenti ma rnexxilu jipprova li t-talba tiegħu hija mistoqqa u dan stante illi l-liġi teħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' tali mandat. L-ewwel ħaġa li jrid juri hu li l-mandat huwa meħtieġ biex iħares il-jedd pretiż mir-rikorrenti u*

*t-tieni ħaġa li r-rikorrenti jkun jidher li prima facie għandu dak id-dritt. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi.*

*Illi fil-każ odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li r-rikorrenti ma għandux prima facie d-drittijiet li qed jippretendi li għandu u kieku kellu tali drittijiet il-mandat ta' inibizzjoni li qed titlob il-ħruġ tiegħu fi kwalunkwe każ ma kienx ikun meħtieġ sabiex ir-rikorrenti jħares id-drittijiet pretiżi minnu.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April 2019 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti żżomm lill-Bord intimat milli jiddeċiedi l-appell IAB/SP/2677/18 li ġie intavolat mir-rikorrent stess wara deċiżjoni mogħtija minn Identity Malta li ddeċidiet li hu m'għandux jingħata permess sabiex jaħdem f'Malta minħabba nuqqas ta' kwalifiki fil-qasam li kien interessat li jaħdem fih. Ir-rikorrent isostni li l-proċedura adoperata fil-konfront tiegħu mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, hija leżiva tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni,

stante li s-sottomissjonijiet tiegħu ma nstemgħux verbalment u għalhekk qiegħed jilmenta li l-imsemmi Bord ħa d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma sema’ lir-rikorrent, bi ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem.* Waqt is-smigħ ta’ dawn il-proċeduri, ġie żvelat li r-rikorrent ma ġiex mgħarraf jekk il-parti li kontriha sar l-appell, Identity Malta, għamlitx is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Bord, u x’pożizzjoni ħadet fil-proċeduri tal-appell.

L-intimati min-naħa tagħhom wieġbu li ma jikkonkorrux l-elementi kollha neċessarji u imposti mil-liġi għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni, u dan minħabba li minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrent għandu jedd oġġettiv li jinstema’ *viva voce* mill-Bord. Skont l-intimati, ir-rikorrent ingħata smigħ xieraq stante li dan kellu d-dritt jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub quddiem il-Bord, u ġie mgħarraf li kellu dan il-jedd dakinhar stess li kien intavola l-appell tiegħu. Il-Bord intimat argumenta li smigħ xieraq ma jimplikax neċessarjament il-ħtieġa li persuna tinstema’ verbalment, iżda hu biżżejjed għas-sodisfazzjon tal-prinċipju tal-*audi alteram partem,* li ż-żewġ partijiet jingħataw opportunità ugwali sabiex iressqu l-każ tagħhom, anki jekk bil-miktub. Intqal ukoll li ladarba d-deċiżjoni li tingħata mill-Bord hi appellabbli, tant li jista’ jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appelli (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għaxart ijiem minn meta tingħata d-deċiżjoni tal-Bord, ma jirriżultax sodisfatt ir-rekwiżit tal-preġudizzju irrimedjabbli, stante li r-rikorrent għad għandu rimedju ieħor li jista’ jirrikorri għalih in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu.

**Provi u riżultanzi**

Ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' ittra datata 19 ta' Ottubru, 2018 mibgħuta minn Michelle Vella[4], in rappreżentanza tal-Pembroke Karate Club fejn intqal li r-rikorrent kellu l-ħsieb li jibda kors sabiex jiġi kkwalifikat bħala *coach* fl-Università ta' Malta, u li hi, l-istess Vella, kienet issottomettiet lil JobsPlus id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa b'rabta mal-impjieg tar-rikorrent. Ġiet esebita wkoll kopji tad-dokumentazzjoni kollha annessa mal-applikazzjoni għal *residence permit* li saret mir-rikorrent[5]; kopja ta' ittra tal-20 ta' Ġunju 2018 li ntbagħtet minn Michelle Vella f'isem il-Malta Karate Federation[6], li fiha ntqal li r-rikorrent Relja Mijanovic hu persuna ideali biex jintgħażel bħala *coach* tal-karate minħabba li hu ħadem f'dan il-qasam f'pajjiżu u minħabba li hu atleta ta' ċertu kalibru li għandu esperjenza wiesgħa fil-prattika ta' dan l-isport; kopja ta' ċertifikat miksub mir-rikorrent fil-qasam tal-*paediatric first aid*[7]; kopja ta' ċertifikat fil-qasam tal-*basic first aid*[8]*,* kif ukoll kopja ta' ittra datata l-1 ta' Ottubru, 2018 mibgħuta minn Kenneth Abela f'isem il-Malta Karate Federation fejn il-Federazzjoni wriet l-approvazzjoni tagħha għall-ingaġġ tar-rikorrent bħala *coach* ma' Michelle Vella, in vista tal-fatt li hu għandu esperjenza vasta f'dan il-qasam sportiv.[9] Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra tat-18 ta' Ottubru, 2018 mibgħuta minn Identity Malta lir-rikorrent[10], fejn dan ġie infurmat li l-

---

[4] *A fol*. 27 tal-proċess. Għalkemm mhux ċar din l-ittra lil min ġiet indirizzata, jidher li din intbagħtet lil SportsMalta.
[5] *A fol.* 29 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 34 *tal-proċess.* Għal darb'oħra mhux ċar din l-ittra lil min ġiet indirizzata, għalkemm jidher li din intbagħtet lil SportsMalta.
[7] *A fol.* 35 tal-proċess.
[8] *A fol.* 36 tal-proċess.
[9] *A fol.* 37 tal-proċess. Għal darb'oħra mhux ċar din l-ittra lil min ġiet indirizzata, għalkemm jidher li din intbagħtet lil SportsMalta.
[10] *A fol.* 39 tal-proċess.

applikazzjoni tiegħu għal permess sabiex jirrisjedi u jaħdem f'Malta ġiet rifjutata minħabba li r-rikorrent m'għandux il-kwalifiki meħtieġa fil-*coaching.* Inoltre f'din l-ittra ir-rikorrent ġie infurmat li hu għandu d-dritt jintavola appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Ġew esebiti wkoll kopji ta' *emails* mibgħuta mid-difensur tar-rikorrent lill-Bord intimat, fejn il-Bord ġie mitlub li minflok ma tingħata d-deċiżjoni li wasal għaliha l-Bord fid-29 ta' Marzu, 2019, il-Bord jisma' s-sottomissjonijiet li għandu x'jagħmel ir-rikorrent fir-rigward.[11]

Fl-udjenza tal-25 ta' April, 2019 xehdet **Michelle Vella**[12], li qalet li hija s-sid ta' Pembroke Karate Club, u li tixtieq li r-rikorrent jibda jaħdem magħha bħala *coach* minħabba li hu *champion* f'dan il-qasam sportiv u għandu esperjenza vasta fil-*coaching* f'pajjiżu, għalkemm żiedet tgħid li kwalifika formali fil-qasam tal-*coaching* m'għandux. Ix-xhud qalet li hi infurmat lil SportsMalta li r-rikorrent seta' jikseb il-kwalifiki meħtieġa sabiex jaħdem bħala *coach* fi żmien sitt xhur. Żiedet tgħid li fil-bidu SportsMalta m'aċċettawx li jirrikonoxxu lir-rikorrent bħala *coach,* iżda imbagħad hi ntalbet tissottometti dokumentazzjoni ġdida u applikazzjoni ġdida f'isimha proprju u mhux f'isem il-Pembroke Karate Club, u skont l-informazzjoni li kellha, din l-applikazzjoni kienet ser tiġi kkunsidrata. Ix-xhud qalet ukoll li hi ssottomettiet l-applikazzjonijiet meħtieġa mal-uffiċċju ta' JobsPlus, għalkemm dawn ma tawha l-ebda informazzjoni fir-rigward. Ix-xhud qalet li l-*feedback* li ngħatalha minn SportsMalta kien li dawn kienu favur l-ingaġġ tar-rikorrent bħala *coach,* għalkemm żiedet tgħid li hi qatt

[11] *A fol.* 46 sa 48 tal-proċess.
[12] *A fol.* 22 et seq. tal-proċess.

ma ngħatat l-opportunità li tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha quddiem il-Bord intimat. Ix-xhud żiedet tgħid li meta hi ġiet infurmata mill-Bord tal-Appelli li setgħet tippreżenta dokumentazzjoni biex tissostanzja l-pożizzjoni tagħha, hi ħadet mill-ewwel id-dokumenti li kellha f'idejha sa dakinhar.

Fl-istess udjenza xehed l-**Avukat Mario Mifsud**[13], li hu wieħed mill-membri tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, li spjega li l-proċedura adoperata mill-Bord hija li kull meta applikant jippreżenta l-appell tiegħu, dan jiġi infurmat li għandu ħmistax-il ġurnata żmien fejn jista' jippreżenta d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jissostanzja l-pożizzjoni tiegħu quddiem il-Bord. Ix-xhud ikkonferma li d-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet fid-29 ta' Jannar, 2019 u qabel ma l-Bord wasal għal din id-deċiżjoni, iż-żewġ partijiet, ir-rikorrent u Identity Malta, ingħataw l-istess opportunità jressqu l-każ tagħhom. Żied jgħid li applikant ikollu ċ-ċans jappella mid-deċiżjoni tal-Bord, u li t-terminu għall-preżentata tal-appell jibda jiskatta minn dakinhar li d-deċiżjoni tal-Bord tiġi komunikata lill-applikant. Qal li l-ħsieb kien li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tiġi komunikata lill-applikant fit-23 ta' April, 2019. Ix-xhud qal li minkejja li Identity Malta ġiet infurmata li l-applikant kien appella mid-deċiżjoni tagħha, min-naħa tagħha din ma kellha l-ebda sottomissjonijiet x'tagħmel.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm

[13] *A fol.* 50 *et seq.* tal-proċess.

persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[14]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[15]

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-

---

[14] P.A., 13.05.2014.

[15] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[16] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu

[16] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[17]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma

[17] P.A., 25.01.2005.

jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[18]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[19]

**Ikkonsidrat:**

Permezz tat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jittenta jwaqqaf lill-Bord intimat milli jagħti deċiżjoni dwar appell intavolat mir-rikorrent stess, fejn ikkontesta deċiżjoni mogħtija minn Identity Malta li huwa m'għandux jingħata permess ta' residenza u xogħol f'Malta, għax m'għandux kwalifiki formali ta' *coach* fl-isport tal-karate. Il-lanjanza tar-rikorrent hija li l-proċedura adottata mill-Bord intimat sabiex jiddeċiedi l-appell mressaq quddiemu, hija leżiva tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u dan stante li wara lir-rikorrent intalab jissottometti d-dokumentazzjoni sabiex jissostanzja l-appell imressaq minnu, il-Bord ma tahx iċ-ċans li jagħmel sottomissjonijiet verbali. Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa ma jafx x'sottomissjonijiet saru minn Identity Malta, u jekk din irrispondietx għall-appell tar-rikorrent jew x'pożizzjoni ħadet din l-aġenzija f'dan ir-rigward. L-

[18] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[19] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited**, 27.12.16.

unika komunikazzjoni li saret mar-rikorrent da parti tal-Bord intimat kienet li dan ġie infurmat li fit-28 ta' Marzu, 2019 huwa kellu jidher quddiem il-Bord sabiex tingħatalu kopja tad-deċiżjoni finali in segwitu għall-appell imressaq minnu. Il-Bord sostna li minn dakinhar li din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-appellant, jibda jiskatta terminu ta' għaxart ijiem fejn ir-rikorrent jista' jappella fuq punt ta' liġi li jkun ġie deċiż mill-Bord fid-determinazzjoni tal-vertenza li jkollu quddiemu, u f'dan il-każ, ladarba d-deċiżjoni tal-Bord konvenut għadha ma ġietx komunikata lir-rikorrent, dan it-terminu għadu ma bediex jiddekorri.

Il-Bord intimat eċċepixxa li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma tistax tintlaqa' minħabba li d-deċiżjoni li r-rikorrent qiegħed jittenta jwaqqaf diġà ngħatat, u għalhekk m'hemmx lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni. Ġie eċċepit ukoll li ladarba appellant għandu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Bord, l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrent ma jirriżultax sodisfatt.

Il-Qorti kkonsidrat li wara li r-rikorrent ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord intimat u ppreżenta wkoll id-dokumentazzjoni kollha li kellu fil-pussess tiegħu sa dakinhar, huwa ma sema' xejn aktar min-naħa tal-Bord intimat għajr għal komunika biex fit-28 ta' Marzu, 2019 jidher quddiem il-Bord sabiex jingħata kopja tad-deċiżjoni finali. Jirriżulta li r-rikorrent għadu sal-lum ma jafx x'pożizzjoni ħadet Identity Malta fir-rigward tal-appell intavolat minnu, stante li r-risposta tagħha, jekk kien hemm, ma ġietx ikkomunikata lilu. Ir-rikorrent lanqas jaf jekk il-parti appellata ngħatatx l-opportunità tagħmel xi sottomissjonijiet verbali quddiem il-Bord. L-unika ħaġa li jaf hija li kien hemm

laqgħa tal-Bord li fiha ġie deċiż jekk hu għandux jingħata permess ta’ residenza u permess ta’ xogħol, u dan mingħajr ma hu ngħata ċ-ċans li jinstema’ jew li jisma’ l-parti l-oħra x’għandha xi tgħid. Huwa minħabba li r-rikorrent jgħid li għandu dritt li jingħata smigħ xieraq mill-Bord, liema smigħ xieraq ma ngħatalux, li huwa għamel talba għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni. F’dan ir-rigward il-Qorti qieset li Bord intimat kellu l-ħsieb li jikkomunika d-deċiżjoni milħuqa minnu lir-rikorrent, li ma kienx għall-fatt li dan il-mandat ġie milqugħ provviżorjament, u l-mandat intalab proprju biex iżomm lill-Bord intimat milli jagħmel pubblika dik id-deċiżjoni u b’hekk jitqies li d-deċiżjoni ma ġietx milħuqa, sakemm ir-rikorrent jingħata smigħ xieraq. F’dan ir-rigward il-Qorti tqis li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 ġew osservati u għalhekk tista’ tkompli bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk humiex sodisfatti l-elementi l-oħra rikjesti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ din ix-xorta.

Tqis illi sabiex ikun jista’ jingħad li r-rikorrent ingħata smigħ xieraq, huwa meħtieġ mhux biss li r-rikorrent jitħalla jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jgħarraf il-pożizzjoni tiegħu lil min ser jieħu d-deċiżjoni aħħarija dwaru, iżda hu għandu ukoll il-jedd li jkun jaf x’inhi l-pożizzjoni tal-parti appellata, sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa, ikun f’qagħda li jirreplika. Minn dan kollu jidher li ma sar xejn, u minflok ma ngħata ċ-ċans li jagħmel il-każ tiegħu b’għarfien sħiħ tal-konsiderazzjonijiet li ħadet il-parti appellata sabiex waslet għad-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent, hu tħalla fil-għama u ġie infurmat biss li l-Bord iddeċieda l-appell tiegħu, u f’dan il-kuntest intalab jiġbor kopja tad-deċiżjoni tal-Bord.

Da parti tal-intimati ntqal ukoll li r-rikorrent għandu dritt ta’ appell mid-deċiżjoni tal-Bord, quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), u li għalhekk ma jirriżultax sodisfatt l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli meħtieġ sabiex jintlaqa’ mandat ta’ din ix-xorta. Il-Qorti kkonsidrat li filwaqt li huma minnu li l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 jagħti dritt ta’ appell lill-applikant minn deċiżjoni tal-Bord, madanakollu d-dispost tal-liġi f’dan ir-rigward jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għal appelli li jistgħu jsiru dwar punti ta’ dritt deċiżi mill-Bord. In vista tal-fatt li mhux ċar id-deċiżjoni tal-Bord hix ser tkun limitata għal punti ta’ fatt jew inkella humiex ser jiġu deċiżi punti ta’ dritt li minnhom ikun jista’ jsir l-appell maħsub mil-liġi, il-Qorti tqis li jista’ jagħti l-każ li d-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali fir-rigward tar-rikorrent u għalhekk ma jkollu l-ebda jedd jintavola appell ulterjuri minnha.

Dwar l-element tal-isproporzjon tal-preġudizzju, il-Qorti tirrileva li f’każ li l-Bord jitħalla jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu, ir-rikorrent la jkollu ċans jissottometti applikazzjoni mill-ġdid lil Identity Malta u jista’ jkun li lanqas ikollu dritt li jintavola appell jekk id-deċiżjoni tal-Bord tkun ittieħdet fuq punti ta’ fatt aktar milli fuq punti ta’ dritt, u għalhekk ser isofri preġudizzju irrimedjabbli. Min-naħa l-oħra il-Bord intimat mhu ser isofri l-ebda preġudizzju għajr għall-fatt li dan qiegħed jintalab jottempera ruħu mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta jiġi biex jikkonsidra appelli li jsiru quddiemu.

Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti tqis illi *prima facie* l-proċedura adottata mill-Bord intimat tista’ tkun leżiva tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Tqis ukoll illi mad-daqqa t’għajn jidher li r-rikorrent għandu jedd x’jiġi

kkawtelat bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u illi tali jedd jista' jiġi ppreġudikat b'mod irrimedjabbli jekk ma jinħarigx il-mandat. S'intendi dan kollu qiegħed jingħad bla preġudizzju għar-rigward ta' jekk ir-rikorrent għandux raġun fil-mertu jew le.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikkawtela l-jeddijiet tiegħu billi jżomm lill-Bord intimat milli jiddeċiedi l-appell IAB/SP/2677/18 mid-deċiżjoni ta' Identity Malta li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' permess ta' residenza u ta' impjieg, minħabba li mad-daqqa t'għajn jidher li l-proċedura adoperata minn dan il-Bord tista' tkun leżiva tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-Bord intimat.**

Mogħti kameralment fl-20 ta' Mejju, 2019.